**JUNIOR LYCEUMS**

# ANNUAL EXAMINATIONS 2001

**Educational Assessment Unit - Education Division**

**FORM 4** **RELIGION** **Time: 1½hours**

**Name__________________________________ Class__________________**

## TAQSIMA A

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:**

1. **Semmi żewġ persuni li sabu sens f'ħajjithom fil-ħbiberija ma' Ġesù.**
2. **Il-Quddiesa hi l-ogħla talba liturġika. Semmi ż-żewġ taqsimiet tal-Quddiesa.**
3. **X'kien it-Tieni Esodu tal-Lhud?**
4. **Agħti żewġ eżempji ma' xiex Ġesù xebbaħ il-Knisja tiegħu.**
5. **Semmi żewġ Sagramenti li bihom jinħafru d-dnubiet.**
6. **X'jissejħu l-ewwel ħames kotba tal-Bibbja?**
7. **X'inhu l-għerq ta' kull ħażen li hawn madwarna?**
8. **X'messaġġ għandna nfittxu meta naqraw il-Bibbja?**
9. **Liema hi l-aktar prova li Ġesù huwa veru Alla?**
10. **Xi jfissru dawn il-kelmiet,**

**a) Konċilju Vatikan II** **b) Ekumeniżmu**

**(20 marka)**

## TAQSIMA B

**Aqra s-silta t'hawn taħt u wieġeb il-mistoqsijiet:**

> **"Araw, għad jiġi żmien meta nagħmel patt ġdid ma' dar Israel u dar Ġuda; mhux bħall-patt li għamilt ma' missirijietkom fiż-żmien meta qbadtkom minn idejkom biex ħriġtkom mill-art ta' l-Eġittu. Imma dan ikun il-patt li għad nagħmel ma' dar Israel wara dawk il-jiem. Inqiegħed il-liġi tiegħi fihom u niktibha f'qalbhom; u jiena nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi..............Jiena naħfrilhom ħżunithom, u ħtijiethom ma niftakarhomx aktar"**
> **(Ġer 31, 31-34)**

1. **X'kien il-Patt li Alla għamel mal-Poplu Lhudi fl-Antik Testment?**

2. **Liema hu l-Patt il-Ġdid li l-profeta Ġeremija qed iħabbar?**

3. **Il-medjatur tal-Patt tas-Sinaj kien Mosè. Min hu l-medjatur tal-Patt il-Ġdid?**

4. **Il-Patt ta' l-Antik Testment kien mezz ta' għaqda bejn Alla u poplu wieħed - il-poplu ta' Israel. Il-medjatur tal-Patt il-Ġdid lil min kellu jgħaqqad?**

5. **Aħna kull meta nġeddu il-Patt il-Ġdid?**

**(20 marka)**

**<u>TAQSIMA Ċ</u>**

**<u>Agħżel TNEJN u wieġeb f'paragrafi ta' xi 50 kelma</u>. (Ikteb fl-ispazju t'hawn taħt)**

1. **Kif għandna nwieġbu għar-rigal tal-fidi li tana Alla?**
2. **Kif in-nisrani għandu jqaddes 'Jum il-Mulej'?**
3. **Ikteb x'ġara fil-Pentecoste (Għid il-Ħamsin).**

**(20 marka)**

**TAQSIMA D**

**Fuq karta separata wieġeb fit-tul għal TNEJN minn dawn l-erba' mistoqsijiet li ġejjin:**

**1. "Il-Knisja ta' Ġesù hija Knisja ta' qaddisin u ta' midinbin"**
**a) Min fostna qed jgħix ta' qaddis fil-Knisja ta' Ġesù?**
**b) X'għaqda speċjali hemm bejn il-Knisja u Ġesù?**
**c) Kif għandna nkunu membri veri tal-Knisja?**

**2. "Ir-Reliġjon hi tweġiba bis-sens għall-ħajja bis-sens"**
**a) Għid għaliex ir-Reliġjon tagħti sens lill-ħajjitna?**
**b) Spjega għaliex il-fanatiżmu u s-superstizzjoni jfixkluna fil-fidi tagħna.**
**c) Il-fidi hi rigal mogħti lilna minn Alla. Kif għandha tkun it-tweġiba tiegħek għal dan ir-rigal?**

**3. "Il-Bibbja hi l-Kelma t'Alla għax fiha nsibu l-messaġġ li Alla ried iwassal lilna l-bnedmin"**
**a) X'kien il-messaġġ li ried jagħtina Alla permezz tal-Bibbja u għid kif Alla waslilna dan il-messaġġ?**
**b) Ikteb fil-qosor il-ġrajjiet ewlenin ta' l-Istorja tas-Salvazzjoni.**
**c) Semmi l-perjodi li fihom issawru l-Kotba tal-Bibbja.**

**4. "Is-Sagrament ta' l-Ewkaristija huwa Sagrament ta' għaqda u li jgħaqqad"**
**a) Meta Ġesù waqqaf is-Sagrament ta' l-Ewkaristija?**
**b) Semmi l-waqtiet importanti fil-liturġija ta' l-Ewkaristija.**
**c) X'effetti għandha tħalli fina l-Ewkaristija?**

**(40 marka)**